**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 788/2005 AF**

**Awtorità Marittima ta' Malta u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Ottubru 2010 l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta qed tassumi l-atti tal-kawza minflok l-Awtorità Marittima ta' Malta**

**vs**

**Michelle Grech u b'digriet tal-Qorti tat-8 ta' Gunju 2006 gew nominati Dr. Vincent Galea u PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Michelle Grech u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Lulju 2006 gie kkonfermat Joseph Grech biex jirrapprezenta lil bintu Michelle Grech**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-Awtorità Marittima ta' Malta li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Il-konvenuta kienet impjegata mal-Awtorità attriċi fil-kariga ta' Flag & Port State Control Inspector, liema impjieg beda fit-13 ta' Ottubru 1997.

Fis-sena 2000, il-konvenuta xtaqet tkompli tavvanza l-istudji tagħha u akkwistat Postgraduate Research Scholarship għal Dottorat tal-Filosofija (Ph.D.) mill-Australian Maritime College fl-Launceston, Awstralja, għal tul ta' tliet (3) snin.

L-Awtorità attriċi aċċettat illi tgħin lill-konvenuta bil-mod u l-kundizzjonijiet espressi f'ittra mibgħuta lill-konvenuta u datata 10 ta' Novembru 2000 (Dok A), u dan bill tħallas għal xi spejjeż u tiffinanzja l-konvenuta waqt il-permanenza tagħha fl-Awstralja.

Permezz tal-imsemmija ittra datata 10 ta' Novembru 2000 (Dok A), l-Awtorità attriċi offriet illi tul il-perjodu ta' permamenza tal-konvenuta fl-Awstralja il-konvenuta titħallas:

(i) Salarju sħiħ;
(ii) Allowance fuq bażi regolari, sabiex ikunu koperti l-ispejjeż għal board, lodging, u spejjeż oħra inċidentali;
(iii) Vjaġġ bir-rotirn għall-Awstralja;
(iv) Kompjuter, liema kompjuter kellu jiġi ritornat lill-Awtorità attriċi fl-aħħar tal-kors tal-istudji tal-konvenuta;

Il-konvenuta obbligat ruħha illi wara li ttemm dawn l-istudji fl-Awstralja hija taħdem mal-Awtorità attriċi fi grad ta' impjieg kompatibbli u addattat għall-istudju tagħha għal perjodu ta' almenu ħames (5) snin, u dan wara li fissret l-aċċettazzjoni tagħha billi ffirmat l-ittra fuq imsemmija (Dok A).

F'każ illi ma tonorax l-obbligi tagħha kif fuq premessi, l-konvenuta obbligat ruħha wkoll illi tirrifondi lill-Awtorità attriċi dawk l-ispejjeż kollha nkorsi mill-istess Awtorità in konnessjoni ma' dan il-kors ta' studji.

Il-konvenuta rritornat lura Malta fit-18 ta' Mejju 2005 u kompliet taħdem mal-Awtorità fil-grad ta' Flag & Port State Control Inspector.

Il-konvenuta, permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2005, irriżenjat mill-impjieg tagħha mal-Awtorità attriċi, u dan qabel l-egħluq tal-perjodu ta' ħames (5) snin miftiehma bejn il-

partijiet kif fuq premess, u dana mingħajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-Awtorità attriċi.

B'dan l-aġir il-konvenuta unilateralment kissret il-ftehim milħuq bejn il-partijiet.

Il-konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas is-somma ta' tlieta u sittin elf, tmien mija u sbatax-il Lira (Lm63,817.00), rappreżentanti rifużjoni ta' spejjeż żburżjati mill-Awtorità attriċi in konnessjoni mal-kors ta' studji eżegwit mill-konvenuta, u liema somma tinkludi penali ta' elfejn u ħames mitt Lira (Lm2,500) dovuta ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fl-10 ta' Novembru, 2000, (prospett anness u mmarkat Dok. B), iżda l-konvenuta baqgħet inadempjenti;

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-konvenuta kisret il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fl-10 ta' Novembru, 2000;

Tiddikjara illi l-ammont dovut mill-konvenuta lill-Awtorità attriċi bħala rifużjoni ta' spejjeż inkorsi minnha ai termini tal-ftehim imfisser fl-ittra tal-10 ta' Novembru, 2000, u inkluża l-penali hemm imsemmija fis-somma ta' tlieta u sittin elf, tmien mija u sbatax-il Lira (Lm63,817.00) jew ammont ieħor verjuri;

Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-Awtorità attriċi s-somma ta' tlieta u sittin elf, tmien mija u sbatax-il Lira (Lm63,817.00) jew ammont ieħor verjuri;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1323/05 ppreżentat mill-Awtorità attriċi fid-19 ta' Awwissu 2005, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentat ta' dina ċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tagħha datat 27 ta' Lulju 2006 li permezz tiegħu laqgħet it-talba ta' Joseph Grech (ID560242M) sabiex tawtorizzah jidher għal bintu l-konvenuta u tordna illi jiġi

notifikat bl-atti taċ-ċitazzjoni sabiex ikun f'pożizzjoni illi jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet skont il-liġi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Joseph Grech (ID 560242M) fil-kwalità tiegħu ta' prokuratur speċjali u rappreżentant ta' bintu l-imsiefra konvenuta Michelle Grech fejn ġie eċċepit:

Preliminarjament in-nullità tal-azzjoni stante illi ċ-ċitazzjoni ma tindikax il-Qorti fejn ġiet intavolata l-kawża odjerna;

Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet tal-Awtorità attriċi mhumiex sostenibbli fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità attriċi stante:

L-azzjoni odjerna hija insostenibbli, stante illi l-Awtorità rrendiet nulla u bla effett skond il-liġi l-ittra datata 10 ta' Novembru 2000 li fuqha qed tibbaża t-talbiet tagħha l-Awtorità attriċi, stante illi, skond l-istess ittra, l-Awtorità imponiet kemm ir-rifużjoni ta' spejjeż kif ukoll l-impożizzjoni ta' penali fuq l-impjegata tagħha f'każ illi l-konvenuta ma tottemperax ruħha ma' dawk il-kundizzjonijiet imposti minnha stess, liema kundizzjonijiet komplessivament huma onerużi żżejjed kif ukoll jikkostitwixxu tluq minn dak li tipprovdi l-liġi dwar kemm impjegat għandu liberta` jitlaq mill-impjieg tiegħu.

Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-Awtorità attriċi peress illi kienet l-istess Awtorità attriċi li ma onoratx l-obbligi assunti minnha stess skond l-ittra datata 10 ta' Novembru 2000, u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-konvenuta qatt ma tista' tkun ikkunsidrata li obbligat ruħha illi tirrifondi lill-Awtorità attriċi s-salarju li kienet qed tipperċepixxi mingħand l-Awtoritààattriċi waqt l-istudji tagħha l-Awstralja (salarju in konnessjoni mal-istess, del resto, ħallset it-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali f'Malta), kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża: dawk li għalihom hemm referenza fl-ittra li fuqha qegħda tistrieħ l-Awtorità attriċi huma spejjeż,

liema kelma ma jistax jitqies li jinkludi r-remunerazzjoni li ppreċepiet il-konvenuta waqt l-impjieg tagħha.

Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u f'każ illi jiġi deċiż illi Michelle Grech għandha tirrifondi lill-Awtorità attriċi anke s-salarju tagħha għall-perjodu li damet tistudja l-Awstralja, għandu jiġi eskluż minn kwalunkwe ammont li talvolta jista' jkun dovut is-salarju preċepit minnha f'dawk il-perjodi li fihom, għalkemm kienet qed tistudja barra minn Malta, pprovdiet s-servizzi tagħha lill-Awtorità attriċi, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, għandu jsir tnaqqas pro rata ta' kwalunkwe ammont li talvolta jista' jkun dovut ekwivalenti għal dak il-perjodu li l-eċċepjenti pprovdiet is-servizzi tagħha lill-Awtorità.

Fi kwalunkwe każ, il-penali li qegħda tirreklama l-Awtorità attriċi tikkostitwixxi tentattiv biex il-konvenuta tintrabat fl-impjieg b'mezzi li ma humiex leċiti skond il-liġi fejn hemm provdut illi kwalunkwe provediment kuntrattwali li hu aktar oneruż fuq l-impjegat minn dak li tipprovdi l-liġi huwa null u bla effett.

Mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, f'każ illi jiġi deċiż illi huwa dovut penali lill-Awtorità da parti ta' Michelle Grech, għandu jsir tnaqqis pro rata ekwivalenti għal dak il-perjodu illi hija pprovdiet is-servizzi tagħha lill-Awtorità.

Mingħajr preġudizzju għas-suċċepit u fi kwalunkwe każ, l-Awtorità attriċi għandha tressaq prova dettaljata dwar l-ammont reklamat minnha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Semgħet it-trattazjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi:

Preliminarjment il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta in vista tal-fatt illi l-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fuq talba tal-abbli rappreżentant tal-Awtorità attriċi u dan wara li l-abbli rappreżentant tal-konvenuta ddikjarat illi ma ssibx oġġezzjoni għal korrezzjoni[1].

Permezz ta' din il-kawża, l-Awtorità attriċi qiegħda titlob rifużjoni tal-maġġor parti mill-ispejjeż imħallsa in konnessjoni mal-*part sponsorship* li ngħata lill-konvenuta sabiex tkompli l-istjudi tagħha l-Awstralja u dan peress illi skont l-istess Awtorità attriċi l-konvenuta naqqset mill-obbligi kontrattwali tagħha meta rriżenjat mill-impjieg tagħha mal-Awtorità ftit xhur wara li hija rritornat lura Malta u dan minkejja li l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li l-konvenuta kienet obbligata li tibqa impjegata mal-Awtorità għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin minn meta tiġi lura Malta wara li tlesti l-istudji tagħha, u fin-nuqqas, ikollha tirrifondi lill-Awtorità:

> *"all those expenses incurred on your behalf, together with a penalty of Lm2,500, which expenses and penalty will be reduced in proportion to that period actually served with the Authority."*[2]

Il-konvenuta da parti tagħha ssostni li l-ebda ammont ma huwa dovut stante li l-ftehim bejn il-partijiet jimponi kundizzjonijiet illi huma onerużi żżejjed u għaldaqstant huma kontra l-liġi kif ukoll illi kienet l-Awtorità attriċi li ma onoratx l-obbligi tagħha. Il-konvenuta eċċepiet ukoll illi fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub mill-Awtorita' m'għandux jinkludi bħala spejjeż is-salarju li tħallas lilha matul is-snin illi kienet qiegħda tistudja barra minn Malta u li l-ammont mitlub għandu jiġi rivedut sabiex jirrifletti s-servizz illi hija provdiet lill-Awtorità fis-snin illi hija għaddiet tistudja barra. Il-konvenuta eċċepiet

---

[1] Vide verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2006

[2] Ftehim iffirmat bejn il-partijiet a fol. 7 u 8 tal-proċess

ukoll illi l-penali mitluba mill-Awtorità tammonta għal tentattiv sabiex hija tintrabat fl-impjieg b'mezzi li mhumiex skont il-liġi in kwantu li provediment kuntrattwali li huwa aktar oneruż fuq l-impjegat minn dak li tipprovdi l-liġi huwa null u bla effett kif ukoll illi l-penali għandhom jiġu maħdum pro rata. Finalment, hija teċepixxi li l-Awtorità għandha tressaq prova dettaljata dwar l-ammont mitlub.

Mill-provi prodotti jirriżulta li mhux ikkontestat illi l-konvenuta kienet kienet impjegata mal-Awtorità attriċi bħala *Port and Flag State Control Inspector* u dan mis-sena 1997. Mhuwiex ikkontestat anqas illi fis-sena 2000 l-konvenuta ngħatat *scholarship* mill-Gvern Awstraljan sabiex tistudja għad-Dottorat fil-Filosofija (Ph.D.).

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta tikkonferma li meta ngħatat dan l-ischolarship hija kellmet lis-superjuri tagħha s-sur Carmel (sive Lino) Vassallo bil-ħsieb illi tirriżenja mill-impjieg tagħha mal-Awtorità sabiex tmur tkompli l-istudji tagħha ġewwa l-Awstralja. Peress illi l-konvenuta kienet ikkunsidrata bħala impjegata kompetenti f'xogħlha mal-Awtorità[3], is-superjuri tagħha offrewlha *part paid sponsorship* fis-sens illi huma obbligaw ruħhom illi tul iż-żmien illi hija tkun qiegħda l-Awstralja ghall-istudji tagħha, l-Awtorità attriċi tħallasha s-salarju, *subsistence allowance*, rifużjoni tat-titjiriet tal-ajru kif ukoll *laptop computer* li kellu jiġi ritornat fi tmien l-istudji tal-kovenuta. Din l-ittra, li hija datata 10 ta' Novembru 2000 kienet iffirmata mis-Sur Ray Stafrace, *Financial Controller* mal-Awtorità attriċi, mic-*Chairman* ta' dak iż-żmien Dr. Marc Bonnello kif ukoll mill-konvenuta.[4]

Jirriżulta li l-konvenuta telqet minn Malta f' Novembru tal-2000. Jirriżulta mill-affidavit tagħha li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha kienet 15 ta' Novembru 2000. Matul is-snin illi hija damet tistudja l-Awstralja, hija kienet xorta waħda qiegħda tagħmel xi xogħol għall-Awtorità attriċi, speċifikament dak relatat mal-proġett tal-Unjoni Ewropea magħruf bħala 'THEMES'.

[3] Affidavit ta' Carmel sive Lion Vassallo a fol. 30 tal-proċess

[4] Ftehimm a fol. 7 u 8 tal-proċess

Fl-affidavit tagħha l-konvenuta qalet illi hija rritornat lura Malta u rritornat għax-xogħol mal-Awtorità f'Settembru tal-2004. F'dan ir-rigward ma ġietx speċifikata data pero fuq ammissjoni tal-konvenuta stess jirriżulta li ftit wara li rritornat hija reġgħet marret l-Awstralja minn Diċembru 2004 sa' Marzu 2005.[5]

Il-konvenuta irrizenjat mill-impieg permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2005. F'din l-ittra hija ddikjarat l-intenzjoni tagħha u tal-għarus tagħha li jemigraw lejn l-Awstralja.[6] Ftit taż-żmien wara li nfurmat lill-Awtorità bir-riżenja tagħha, l-konvenuta ġiet infurmata permezz ta' ittra datata 22 ta' Lulju 2005 illi l-ammont kumplessiv illi hija kella tħallas lill-Awtorità rappreżentanti spejjeż inkorsi mill-Awtorità relatati mal-part paid sponsorship li ngħatat kif ukoll il-penali kienu jammontaw għal Lm63,817, llum €148,653.62.

In linea generali, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet Gianni Cefalu et vs Paul Gauci noe:

> "*Kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u ma jistghux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-liġi jeħtieg li jkun fih dawk ir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè l-kapaċità, il-kunsens, l-oġġett u kawża leċita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiżiti ma jistax jiġi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volontà leġittima tal-kontraenti liema volontà hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16.*"

Huwa ritenut illi f'każ fejn iż-żewġ partijiet f'kuntratt jixlu lil xulxin b'nuqqas ta' twettiq, il-ġudikant ikun irid jagħmel valutazzjoni li tqabbel l-imġiba tal-parti l-waħda ma' dik tal-parti l-oħra. Dan jagħmlu billi jqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalità u kif ukoll il-

---

[5] Kontro eżami a fol. 232 tal-proċess

[6] Ittra a fol. 43 tal-proċess

korrispettività tal-prestazzjonjiet mhux imwettqin, ħalli jkun f'qagħda jgħid jekk dak in-nuqqas jagħtix raġun lil xi parti jew kienx il-ħtija tal-parti l-oħra. Minbarra dan, il-ġudikant irid iqis kemm l-obbligazzjoni ewlenija li taħtha ntrabtu l-partijiet, u kif ukoll dawk sekondarji li l-partijiet ikunu tawhom siwi essenzjali għall-ftehim milħuq bejniethom (AX Construction Ltd vs Tony Mallia Bonello, deċiża fl-10 t'Ottubru 2005).

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni.  Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri (Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings Limited).

Huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus.* Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt (Aquilina Utrinque, Kollez. Vol: XLIX.i.518 deċiża fit-12 ta' Marzu 1965).  Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti (Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd, deċiża fil-15 ta' Jannar 2010).

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt.  Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-

istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra (Muscat vs Attard et, Kollez. Vol: XXX.i.155 deċiża fit-3 ta' Ġunju 1938). Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalità bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka (Ara App. Ċiv. 29.10.2010 fil-kawża fl-ismijiet Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe);

Din il-Qorti tqis illi biex wieħed jara sewwa x'inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża irid iħares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe, deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2003, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "*Il-prinċipju pacta sunt servanda huwa wieħed applikat rigorosament mill-Qrati tagħna, u jekk ma tirriżultax xi ċirkostanza li, skond il-liġi, tista' twassal għat-tħassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miż-żewġ naħat.*"

Fl-affidavit tagħha kif ukoll in kontro eżami l-konvenuta tikkritika u tilmenta mill-mod kif hija ġiet trattata mill-Awtorità attriċi kemm qabel ma hija telqet minn Malta u kemm meta rritornat għax-xogħol wara l-istudji tagħha. Fost affarijiet oħra hija tilmenta li qabel ma telqet għall-istudji tagħha kienet tħossha '*de-motivated and unhappy working there*"[7] kif ukoll illi mar-ritorn tagħha, '*I felt that I was not given a posting equilvalent to my qualifications. I was assigned to do exactly the same work I was doing prior to my studies*'.[8] Hija tkompli billi tgħid illi kien hemm impjegati oħra li ma kinux iħossuhom motivati kif ukoll illi l-ambjent u x-xogħol li ġie assenjat lilha meta rritornat għax-xogħol kien fil-maġġorranza r-raġuni għalfejn hija rreżenjat minn mal-Awtorità attriċi. Pero hija żżid ukoll fl-istess affidavit illi '*From previous experience I knew*

[7] Affidavit a fol. 105 tal-proċess

[8] Fol. 106 tal-proċess

*that things were not going to change.'* Il-Qorti qiegħda tifhem illi l-eċċezzjoni tal-konvenuta fis-sens illi kienet l-Awtorità attriċi li ma onoratx l-obbligi assunti minnha huma proprju għaliex mar-ritorn tagħha għax-xogħol il-konvenuta ma ngħatatx promozzjoni u dan minkejja li l-ftehim ta' bejn il-partijiet datat 10 ta' Novembru 2000 kien jipprovdi li '*In accepting the Authority's part sponsorship, you undertake to bind yourself to serve the Malta Maritime Authority in a post appropriate with the level of qualification for a period of five years commencing from your return to Malta upon completion of the program*'.

F'dan ir-rigward, jirriżulta li l-konvenuta qatt ma ddiskutiet dawn l-ilmenti mas-superjuri tagħha, pero fil-kontro eżami tagħha tikkonferma li kien hemm okkażjoni fejn iddiskutiet magħhom il-prospett illi tingħata promozzjoni[9]. Minn naħa tiegħu, Lino Vassallo għall-Awtorità attriċi jikkonferma fil-kontro eżami tiegħu li kienet ħarġet *call for applications* waqt illi l-konvenuta kienet imsiefra. Din il-*call* kienet għall-*co-ordinator* li kien grad oghla minn dak tal-konvenuta.

Mill-provi prodotti f'dan ir-rigward, din il-Qorti m'hijiex konvinta li kien hemm xi nuqqas min naħa tal-Awtorità attriċi fir-rigward tal-obbligi assunti minnha fil-ftehim illi ntlaħaq bejn il-partijiet. Jirriżulta li l-konvenuta fuq ammissjoni tagħha stess kienet dubjuża fuq l-impjieg u l-futur tagħha mal-Awtorità attriċi sa minn qabel ma marret l-Awstralja sabiex tkompli l-istudji tagħha u ma jirriżultax illi qatt iddiskutiet l-ilmenti tagħha mas-superjuri tagħha jew għal l-inqas mhux bis-serjetà li tirrikjedi tali sitwazzjoni. Hija tilmenta li kien hemm impjegati oħra li kienu mdejqin fuq il-post tax-xogħol imma ma ressqet ebda prova ta' dan u lanqas ma ppruvat illi l-imġieba tas-superjuri tagħha kienet tali b'xi mod twassal għall-konklużjoni li huma ma onorawx l-obbligazzjonijiet assunti skont il-ftehim tal-10 ta' Novembru 2000.

Fir-rigward tax-xogħol li ġiet assenjata mar-ritorn tagħha u n-nuqqas ta' promozzjoni, jibda biex jingħad illi l-Awtorità attriċi qatt ma wegħdet lill-konvenuta li mar-ritorn tagħha ser

[9] Kontro eżami a fol. 232 tal-proċess

tingħata xi tip ta' promozzjoni immedjata. Jirriżulta mill-provi li l-konvenuta għamlet biss madwar xagħrejn fl-impjieg tagħha mal-Awtorità mar-ritorn tagħha għax-xogħol fl-aħħar ta' Settembru 2004, qabel ma marret lura l-Awstralja għal tlett xhur oħra, u meta rritornat għal kollox f'Marzu tal-2005, għamlet biss madwar tlett xhur oħra qabel ma rriżenjat mix-xogħol. Ma jirriżultax illi f'dan iż-żmien hija għamlet proposti konkreti lis-superjuri tagħha sabiex tiġi esplorata l-possibiltà li tingħata promozzjoni u fl-ittra ta' riżenja tagħha hija tagħmilha ċara li kienet ddeċidiet illi ser temigra lejn l-Awstralja.

Konsegwentement, il-Qorti, wara li kkunsidrat illi l-artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar in kwantu li il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom, kif ukoll illi kuntratt ma jistax jiġi mħħasar ħlief bil kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi, issib illi ma kinitx l-Awtorità attriċi li ma assumietx l-obbligi tagħha skont il-ftehim tal-10 ta' Novembru 2000 iżda kienet il-konvenuta li itterminat il-kuntratt unilateralment mingħajr ebda raġuni valida skont il-liġi u għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kliem '*expenses incurred on your behalf*', għandu jingħad illi huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, u mhux mid-diskussjonijiet u kif dawn żvolġew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara Clive Simpson vs John Saliba nomine et, deċiża fit-22 ta Ġunju 2004 u Frendo vs Caruana, deċiża fit-28 ta' Jannar 1999). Fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara Brincat vs Saliba, deċiża fl-14 ta' Novembru 1983). Il-konvenuta teċċepixxi li s-salarju tagħha ma jaqax taħt il-kappa ta' '*expenses incurred*', pero ma tressaq ebda provi f'dan ir-rigward.

Għall-kuntrarju, fil-kontro eżami tagħha, il-konvenuta stess tistqarr illi hija ma kellhiex mistoqsijiet x'tagħmel lis-superjuri tagħha fir-rigward tal-ftehim illi ffirmat. Ċertament mhijiex

skuża valida li hija ffirmat dan il-kuntratt ftit jiem biss qabel ma siefret speċjalment in vista tal-fatt illi mill-provi jirriżulta li kienet ilha taf bil-ftehim illi kien ser jintlaħaq, fis-sens illi l-Awtorità attriċi kienet lesta toffrilha *part sponsorship* u kien fl-interess tagħha li tiċċara mal-Awtorità x'kienu l-implikazzjonijiet finazjarji ta' dan il-ftehim. B'żieda ma dan, il-Qorti ssib illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa ċar illi spejjeż inkorsi mill-Awtorità relatati mal-*isponsorship* li ngħatat huma proprju is-salarju tal-konvenuta, is-*subsistence allowance* li ngħatat u l-ispejjeż tat-titjiriet għall-Awstralja u lura. Il-miżata tal-Università Awstraljana kienet imħallsa mill-Gvern Awstraljan stess u dan il-fatt ikompli jikkonferma li l-ispejjeż inkorsi kienu dawk imsemmija fil-ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Novembru 2000. Ċertament illi salarju ta' impjegata li kienet imsiefra l-Awstralja jammonta għall-spejjeż inkorsi relatati mall-*isponsorship* illi ngħatat lill-konvenuta.

Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenuta li hija qatt ma tista' tkun ikkunsidrata li obbligat ruħha li tirrifondi lill-Awtorità s-salarju li kienet tipperċepixxi waqt l-istudju tagħha qiegħda tiġi miċħuda.

Fir-rigward tax-xogħol illi l-konvenuta għamlet għall-Awtorità waqt illi hija kienet għaddejja bl-istudju tagħha l-Awstralja, il-Qorti ssib illi mhuwiex ikkonestat bejn il-partijiet illi l-konvenuta kienet ħadmet fuq il-proġett THEMES tal-Unjoni Ewropea. Fost riċerka u xogħol ieħor, dan il-proġett kien jinneċessita l-preżenza tal-attriċi ġewwa Brussell fil-Belġju. Għal dan ix-xogħol illi hija għamlet fuq dan il-proġett matul is-snin illi hija kienet imsiefra, l-Awtorità ta' Malta rċeviet l-ammont ta' Lm11,200 (llum €26,089) mill-Unjoni Ewropea u dan skont il-prospett illi l-Awtorità ppreżentat lill-konvenuta[10] kif ukoll skont id-dokument MG4 ippreżentat mal-affidavit tal-konvenuta a fol. 116 tal-proċess. F'dan ir-rigward ma tressqet ebda prova mill-konvenuta li l-ammont indikat mill-Awtorità bħala tnaqqis għax-xogħol illi hija għamlet, inkluż titjir tal-ajru, kellu jkun aktar u wisq anqas ma tressqet prova li hija fil-fatt ħadmet aktar sigħat fuq il-proġett jew fuq xi xogħol ieħor tal-

[10] Fol. 10 tal-proċess

Awtorità b'mod illi t-tnaqqis pro rata għax-xogħol illi għamlet fiż-żmien illi kienet imsiefra kellu jkun aktar.

Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenuta f'dan is-sens qiegħda wkoll tiġi miċħuda.

Fir-rigward tal-ammont mitlub mill-Awtorità attriċi, jirriżulta li bħala prova l-Awtorità attriċi ressqet prospett illi ġie ppreżentat lill-konvenuta u li jinsab a fol. 10 tal-proċess. B'żieda ma dan l-Awtorità attriċi ppreżentat kopja tal-FS3's tal-konvenuta għas-snin relattivi. Da parti tagħha, l-konvenuta ma ressqet ebda prova fir-rigward tas-salarju jew *subsistence allowance* li rċeviet fis-snin illi damet imsiefra u allura l-Qorti sejra tistrieħ fuq il-provi miġjuba mill-Awtorità attriċi.

F'dan ir-rigward jiġu notati xi diskrepanzi. Fl-ewwel lok jirriżulta li filwaqt illi x-xhud Ray Stafrace jikkonferma li dan il-prospett ma jinkludix il-kontribut tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-Awtorità,[11] jirriżulta li għas-snin 2000, 2002 u 2003 l-ammont indikat fil-fatt jinkludi dan l-ammont. Fit-tieni lok, jirriżulta li minkejja li l-prospett jindika li Michelle Grech ħadmet mal-Awtorità għal tlett xhur biss wara li ġiet lura mill-Awstralja, jirriżulta mill-affidavit tal-konvenuta li fil-fatt hija ħadmet mill-aħħar ta' Settembru tal-2004 sa' Lulju tal-2005 iżda però marret lura l-Awstralja minn Diċembru tal-2004 sa' Marzu 2005. Dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mill-Awtorità attriċi. Għaldaqastant, jirriżulta li filfatt l-konvenuta ħadmet mal-Awtorità attriċi għal sitt xhur qabel itterminat l-impjieg tagħha. Jirriżulta mhux kontestat lanqas illi l-konvenuta tħallset arretrati tas-salarju tagħha mill-bidu tas-sena 2000 u għaldaqstant dawn għandhom jitnaqqsu in kwantu li sa' Novembru tas-sena 2000 l-konvenuta kienet għadha qiegħda hawn Malta. Jirriżulta wkoll illi l-konvenuta ntalbet tħallas lura s-salarju tagħha mill-1 ta' Novembru 2000 meta ma jirriżultax illi huwa kkontestat illi l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha qabel marret l-Awstralja kienet il-15 ta' Novembru 2000.

Għaldaqstant jirriżulta li fi kwalunkwe każ, l-ammont

---

[11] Waqt il-kontro eżami ta' Ray Stafrace a fol. 160 tal-proċess saret riferenza għall-employers amount. Hawnhekk il-Qorti qiegħda tifhem illi kellha titniżżel 'employee's amount' fis-sens l-ammont mħallas mill-impjegat dirett bħala bolla tas-sigurta soċjali

kumplessiv illi l-konvenuta setgħet tiġi mitluba tirrifondi lill-Awtorità attriċi huwa ta' Lm61,803, llum €143,962.26.

Il-konvenuta eċċepiet ukoll illi l-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità attriċi jikostitwixxu tluq minn dak li tipprovdi l-liġi dwar kemm impjegat għandu libertà jitlaq mill-impjieg kif ukoll illi li l-penali li qegħda tirreklama l-Awtorità attriċi tikkostitwixxi tentattiv biex il-konvenuta tintrabat fl-impjieg b'mezzi li m'humiex skond il-liġi, fejn hemm provdut illi kwalunkwe provvediment kuntrattwali li hu aktar oneruż fuq l-impjegat minn dak li tipprovdi l-liġi hu null u bla effett.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 42 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *"Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jew ftehim kollettiv bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti magħrufin tal-union, jipprovdi għal xi kondizzjoni ta' impieg, inklużi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dawn għandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli għall-impjegat kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att."*

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-ftehim in kwistjoni kien wieħed *ad hoc* u l-kundizzjonijiet kontestati mhumiex tali li b'xi mod ifixklu l-libertà tal-konvenuta li titlaq mill-impjieg. F'dan is-sens, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Ramon Portelli et vs Air Malta p.l.c., deċiża fil-5 ta' Marzu 2013 fejn intqal illi:

> "I*l-Qorti tibda biex tgħid li ma tara li ma hemm xejn irraġonevoli li l-prinċipal li jkun daħal fi spejjeż biex iħarreġ u jrawwem impjegat tiegħu jistenna li dak l-investiment jissarraf f'ammont ta' servizz mogħti mill-impjegat wara li jkun hekk imħarreġ. L-għan ta' klawsoli fi ftehim li bihom jinħalqu ċerti rabtiet bejn min qiegħed jinvesti biex iħarreġ u min ser jibbenefika mit-taħriġ huwa dak li jħares l-*

*interessi patrimonjali tal-princìpal, u fl-istess waqt tħares lill-impjegat billi ma tħalliħx marbut magħha għal żmien li ma jagħlaq qatt. Il-klawsola tista' titqies irraġonevoli li kieku kienet miftuħa għal żmien li ma jagħlaqx, jew jekk l-ammont ikun wieħed sproporzjonat, jew imur kontra l-ordni pubbliku*."

Mhux kontestat illi l-Awtorità attriċi daħlet fi spejjeż konsiderevoli in konnessjoni mal-istudji tal-konvenuta. Huwa aċċettabbli u anzi mistenni li l-Awtorità tippretendi li tieħu l-investiment tagħha lura u dan billi torbot lill-impjegata illi hija tkun għenet finanzjarjament b'stipulazzjoni li r-riżenja tagħha qabel ċertu żmien ser iġġib magħha ċertu penali.

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda.

Il-konvenuta teċċepixxi wkoll li dawn il-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità huma onerużi ż-żejjed kif ukoll illi jikkostitwixxu tluq minn dak illi tipprovdi l-liġi dwar kemm impjegat għandu liberta jitlaq mill-impjieg tiegħu.

Dwar dan, il-Qorti tosserva li għandu japplika wkoll għal każ odjern l-artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fede u li dawn jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Din il-Qorti tifhem li fil-kunċett tal-bona fede jidħol ukoll element ta' ekwità kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jiġi vjolat mhux biss meta konfrontat b'aġir speċifiku doluz biex jagħmel il-ħsara, iżda wkoll b'dak il-komportament li jkun għal kollox spoporzjonat u li ma jkunx aċċettabli skont in-normi stabbiliti tas-soċjetà u tal-loġika ġuridika (Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-15 ta' Diċembru 2004).

F'dan ir-rigward issir riferenza wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Angelo Bartolo noe vs Emanuel Zammit, deċiża fid-19 ta' Jannar 2006 fejn intqal hekk:

*"Jista' jingħad li kemm fil-liġi tedesca, (art. 343(1)BGB) kif ukoll f'dik franċiża (art. 1152), belġjana (art. 1231CC) u taljana (art. 1382KC), il-leġislatur ta' b'mod espress il-poter lil ġudikant biex inaqqas il-penali f'kaz li din tirriżulta eċċessiva. Il-ġurista taljan De Cupis, "Sulla Riduzione della Penale" (Edit. 1983), jispjega, f'paġna 236, li t-tnaqqis ġudizzjarju isservi u għandha tiftiehem bħala miżura korrettiva tal-funzjoni punitiva li jista' jkollha tali klawsola, u dan biex jiġi evitat abbuż; huwa dmir tal-ġudikant li jara li d-drittijiet reklamata ma jiġux użati b'mod li tinħoloq inġustizzja.*

*Interessanti fil-Belġju kif il-Qrati ta' dak il-pajjiż jużaw il-bona fide biex "jikkoreġu" każ ta' abbuż lampanti. Fil-ktieb "Introduction to Belgian Law" ta' Bocken and DeBondt, gie indikat kif din il-funzjoni ta' bona fide taħdem. Jingħad a propositu (f'paġna 234):*

*"After the conclusion of a contract, a situation can arise which the parties did not foresee. Hence the contract does not regulate the issue. In such a situation, the standard of good faith applies: the parties must do whatever reasonable persons would do in the same factual situation. In determining how a reasonable person would perform, regard has to be given, inter alia, to the common intention of the parties, the terms, the nature and the purpose of the contract.*

*The complementary function of good faith in principle results in a number of additional commitments, besides the contractual obligations. A driver who has his car repaired by a garage manager, has the obligation not only to pay the price, but also to pick up his car within a reasonable time. A contractor who has received an order to repair a machine and who establishes while performing that the cost of the repairs will exceed the price of a new machine, is under an obligation to directly inform the principal. A garage keeper, who regularly provides for the maintenance of a car of a client, has the obligation to consult the maintenance directives of that particular car on his own initiative, even if the client did not ask for it.*

*The complementary function of good faith deals with a a situation in which the parties did not expressly foresee their respective rights and duties. The starting point of the corrective function is different: now the parties did foresee what would be their rights and duties, but the obligee is acting in a manifestly unreasonable way, so that his use of a contractual right degenerates into an abuse. Abuse of contractual rights is sanctioned by the corrective function of good faith.*

*The criterion of judging over an abuse of rights is, again, the reasonable man placed in the same factual situation.*

*In applying this standard, the judge only disposes of a marginal control. This means that the use of a right can only be qualified as an abuse, if it is manifestly clear, if there is no doubt whatsoever, that a reasonable man would not have acted in the same manner as the defendant".*

*Fil-waqt li l-ewwel funzjoni ta' bona fide ġieli issib applikazzjoni fid-deċisjonijiet tal-Qrati Maltin, il-"corrective function" tagħha għad irid jiġi żvillupat, għalkemm bis-sentenza tagħha aktar qabel kwotata ("Pace vs Micallef noe"), l-Onorabbli Qorti tal-Appell donnha trid tagħti spinta lil din il-funzjoni tal-bona fide. Ta' min josserva wkoll li l-prinċipju ta' "abuse of rights" mhux aljen għall-ordinament ġuridiku Malti – ara "Cauchi vs Byers", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1995, "Attard vs Xuereb", deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1993, u "Saliba vs Cassar", deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn dan il-prinċipju ġie aċċettat fuq l-iskorta tal-ġurista taljan, Fadda*."

Finalment, issir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Mary Rose Falzon Sant Manduca vs Mario Grima, deciża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Marzu 2005 fejn, b'riferenza għall-artikolu 1122 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn intqal illi:

*"l-applikazzjoni riġida ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom, u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri dak li jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss gal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħhom l-obbligazzjoni, skond l-għamla tagħha, b'ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu "ridimensjonati" jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli "skond in-normi stabiliti tas-soċjeta' u l-loġika ġuridika."*

Din l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-ammont li qiegħda titlob l-Awtorità attriċi taħt il-ftehim bejn il-partijiet huwa wieħed konsiderevoli b'mod illi huwa ferm sproporzjonat u fil-fehma tal-Qorti inaċċettabli skont in-normi stabiliti tas-soċjetà u l-loġika ġuridika. Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-konvenuta għandha tkun kundannata tħallas nofs dak l-ammont u ċioè l-ammont ta' wieħed u sebgħin elf, disgħa mija u wieħed u tmenin Ewro (€71,981).

Għaldaqstant jirriżulta li in kwantu li l-konvenuta eċċepiet illi l-kundizzjonijiet imposti huma onerużi ż-żejjed fil-konfront tagħha, din l-eċċezjoni qiegħda tintlaqa'.

Għalhekk għar-raġunijet imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba tal-Awtorità attriċi, tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-Awtorità attriċi fl-ammont ta' wieħed u sebgħin elf, disgħa mija u wieħed u tmenin Ewro (€71,981) u konsegwentement tordna lill-konvenuta tħallas is-somma indikata lill-Awtorità attriċi, b'imgħax legali mid-data tas-sentenza; tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni

tal-konvenuta, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta limitatament kwantu li jirriżulta li l-kundizzjonijiet imposti mill-intimata huma onerużi ż-żejjed, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

L-ispejjez tal-kawża kif ukoll dak tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1323/05 jitħallsu kwantu għall-kwart mill-Awtorità attriċi u tlett kwarti mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG